**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta, 3 ta` Ottubru 2017**

**Rik. Gur. Nru. 462/2017 JZM**

**APS Bank Ltd (C2192)**

***kontra***

**Avukat Dr. Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bhala Kuraturi nominati permezz ta` dikriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili datat 12 ta` Jannar 2017 biex japprezentaw lill-assenti OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA (Passaport Ukren Numru A K061485)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat illi pprezentat is-socjeta` attrici fil-25 ta` Mejju 2017 li jaqra hekk :-

*1. Illi permezz ta' kuntratt tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa tat- tnejn (2) ta' Novembru ta-sena elfejn u sebgha (2007) (anness bhala Dokument A) , il- Bank rikorrenti ikkonceda lill-intimata OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA facilita` ta' self tas-somma ta' tnejn u tmenin elf Liri Maltin (Lm82,000) ekwivalenti ghal mija u wiehed u disghin elf u tmien Euro u tnejn u sittin centezmi (€191,008.62), taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha imsemmija u pattwiti fl-istess kuntratt u kif ukoll fis-"Sanction Letter" relattiva (annessa bhala Dokument B)*

*2. Illi l-intimata OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA tinsab moruza u inadempjenti fl-obligazzjonijiet u pagamenti minnha pattwiti permezz tal-precitat kuntratt notarili (Dokument A) u permezz tas-"Sanction Letter" relattiva ( Dokument B) u nfatti l-intimata kisret l-"Events of Default" stipulati u pattwali fl-istess kuntratti notarili u "Sanction Letter".*

*3. Illi l-intimata OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA giet interpellata diversi drabi sabiex tottempera ruhha mal-obligazzjonijiet minnha assunti u pattwiti u dana anke permezz ta' ittra interpellatorja registrata (anessa bhala Dokument C) u kif ukoll ittra ufficjali (anessa bhala Dokument D), izda xorta wahda baqghet inadempjenti.*

*4. Illi l-bilanc ta' debitu dovut illum mill-intimata OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA lill- Bank rikorrenti, skont l-imsemmija facilita` ta' self, jammonta ghas-somma ta' mija u hamsa u hamsin elf u erba' mija u erbgha u sebghin Euro u hamsin centezmu (€155, 474.50) dovuta kwantu ghas-somma ta' €134,396.77 bhala bilanc ta' debitu ta' Loan Account Numru 2000061474-8 (Dokument E)u kwantu ghas-somma ta' €21,077.73 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000161367-2 (Dokument F), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Ighidu ghalhekk il-kuraturi Depuitati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex :*

1) *Tiddikjara illi l-intimata OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA hija moruza u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta`*

*rikorrenti stante l-kisret u ma osservatx l- "Events of Default" stipulati u pattwiti fil-kuntratt notarili relattiv (Dokument A)u fis-"Sanction Letter" relattiva(Dokument B) u ghalhekk tilfet kull beneficcju tat-terminu lilha koncess; u ghalhekk,*

2) *Tikkundanna lill- illi l-intimata OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA thallas lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta' mija u hamsa u hamsin elf u erba' mija u erbgha u sebghin Euro u hamsin centezmu (€155, 474.50) dovuta kwantu ghas-somma ta' €134,396.77 bhala bilanc ta' debitu ta' Loan Account Numru 2000061474-8 (Dokument E), u kwantu ghas-somma ta' €21,077.73 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000161367-2 (Dokument F), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kollha kontra OLENA maghrufa ukoll bhala ELENA MASHKOVA inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-imsemmija intimata, mill-llum ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xiehda.

Rat ukoll id-dokumenti kollha li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ukoll id-dokumenti l-ohra li pprezentat is-socjeta` attrici.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kuraturi deputati fil-11 ta` Lulju 2017 fejn eccepew illi f`dak l-istadju ma kienux edotti bil-fatti u ghalhekk rriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum tal-kawza.

Semghet ix-xiehda ta` Marvic Gauci fl-istess udjenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Billi l-provi li ressqet is-socjeta` attrici huma ppruvati ghas-sodisfazzjon ta` din il-qorti u sal-grad rikjest mil-ligi.

Billi il-provi attrici mhux kontradetti mill-konvenuti noe.

Taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat jithallsu mill-assenti Olena maghrufa ukoll bhala Elena Mashkova.

Il-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Maria Ruth Ciantar**

**Deputat Registratur**